

## Paġna ewlenija&gt;Leġiżlazzjoni u każistika&gt;Każistika nazzjonali

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [en](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Swipe to change

I-Ingliż

## Każistika nazzjonali

Skozja

Din it-taqsimha tipprovdi b'deskrizzjoni tal-ġurisprudenza tar-Renju Unit, b'attenzjoni partikolari fuq il-ġurisdizzjoni tal-Iskozja. Id-deskrizzjoni tikkonċentra fuq il-ġurisprudenza li hija disponibbli f'bażijiet tad-dejta li huma aċċessibbli għall-pubbliku.

## Ġurisprudenza disponibbli fl-Iskozja

Il-parti l-kbira tal-ġurisprudenza mill-qrati tal-ġurisdizzjoni tal-Iskozja fir-Renju Unit hija disponibbli għall-pubbliku.

## Qrati ċivili

Il-ġurisprudenza hija publikata għall-*Court of Session u l-Appellate Committee of the House of Lords*, li fl-1 ta' Ottubru 2009 se jiġi sostitwit mill-Qorti Suprema (*Supreme Court*) tar-Renju Unit. Jiġu ppubblikati wkoll sentenzi ta' interess partikolari mill-Qrati tax-*Sheriff*.

## Qrati Kriminali

Il-ġurisprudenza hija publikata għall-*Qrati tax-Sheriff u l-High Court of Justiciary*, li hija l-Qorti Kriminali Suprema għall-Iskozja.

Id-deċiżjonijiet dwar xi kawżi tal-familja u xi kawżi kriminali jistgħu jkun anonimi.

Il-ġurisprudenza ilha tiġi ppubblikata mill-1998. Ladarba tingħata sentenza, il-ġurisprudenza normalment tiġi ppubblikata bejn 24 siegħa u ġimagħtejn wara.

## Bażijiet tad-dejta legali

Is-*Servizz tal-Qrati Skoċċiżi* ppubblikat **s-sentenzi tal-Qrati tax-Sheriff, tal-Court of Session u tal-High Court of Justiciary** fuq is-sit elettroniku tiegħu minn Settembru 1998. Hemm żewġ tiffixiet separati disponibbli, li jkopru l-*Court of Session u l-High Court of Justiciary* u l-*Qrati tax-Sheriff*. L-aċċess għal dawn is-sentenzi huwa **mingħajr ħlas**.

Is-sentenzi huma disponibbli mill-*Appellate Committee of the House of Lords* mill-14 ta' Novembru 1996 sat-30 ta' Lulju 2009. L-aċċess għal dawn is-sentenzi huwa **mingħajr ħlas**.

Hemm ukoll għadd ta' repożitorji legali nazzjonali u bażijiet tad-dejta legali disponibbli.

Il-bażi tad-dejta **'Baillii'** (*British and Irish Legal Information Institute* - Istitut tal-Infommazzjoni Legali Britannika u Irlandiża) fiha deċiżjonijiet mill-*Court of Session* mill-1879, mill-*High Court of Justiciary* mill-1914, mill-Qorti tax-*Sheriff* mill-1998 u mill-*House of Lords* mill-1838. L-aċċess għal dawn is-sentenzi huwa **mingħajr ħlas**.

Is-**sit elettroniku tal-Baillii** fiha ukoll dettalji ta' **deċiżjonijiet minn bosta tribunali tar-Renju Unit**:

Tribunal Superjuri (Kamra tal-Appelli Amministrattivi) – (*Upper Tribunal*)(*Administrative Appeals Chamber*)

Tribunal Superjuri (Finanzi u Taxxi)

Tribunal Superjuri (Kamra tal-Artijiet)

Tribunal tal-Ewwel Grad (*First-tier Tribunal*) (Kamra dwar l-Edukazzjoni, is-Saħħa u l-Kura Soċjali)

Tribunal tal-Ewwel Grad (Taxxa)

Tribunal tal-Appelli dwar il-Kompetizzjoni tar-Renju Unit

Servizz tar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim Nominet UK

Kummissjoni tal-Appelli Speċjali dwar l-Immigrazzjonijiet

It-Tribunal tal-Appelli tar-Renju Unit dwar l-Impjiegi

Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar Servizzi Finanzjarji u tas-Swieq

It-Tribunal tar-Renju Unit dwar l-Ażil u l-Immigrazzjoni

It-Tribunal tar-Renju Unit dwar Informazzjoni inkluż il-Bord tal-Appelli dwar is-Sigurtà Nazzjonali

Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissarji Speċjali tar-Renju Unit dwar it-Taxxa fuq Dħul

Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissarji tar-Renju Unit dwar is-Sigurtà Soċjali u l-Appoġġ għat-tfal

Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju

Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Dwana)

Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Sisa)

Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Taxxa fuq il-Primja tal-Assurazzjoni)

Id-Deċiżjonijiet tat-Tribunali tar-Renju Unit dwar VAT u Dazju (Taxxa fuq il-*Landfills*)

## Links relatati

**Baillii, House of Lords, Sit Elettroniku tal-Baillii, House of Lords, Servizz tal-Qrati Skoċċiżi, Court of Session u l-High Court of Justiciary, Qrati tax-Sheriff**

L-aħħar aġġornament: 06/06/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.